VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,566, 3 ta' Mejju, 2016
Taqsima B

A.L. 136 tal-2016

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2016 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (L-Avviż Legali 103 tal-2016)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni.

Korrezzjoni fl-Avviż Legali 103 tal-2016.

1. Fl-Avviż Legali 103 tal-2016 għandha ssir korrezzjoni billi minnufih wara r-regolament 11 tiegħu, għandu jiżdied ir-regolament li ġej:

"Revoka tal-Ordni tal-1993 dwar Reklami. A.L. 171 tal-1993.

12. L-Ordni tal-1993 dwar Reklami hu b'dan revokat mingħajr ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħtu.".

Bidu fis-seħħ.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa d-29 ta' Marzu, 2016, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha tibda' sseħħ.